# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1437/00**

**Numru 47**

**Vincent Cuschieri Limited**

**vs**

**Dennis Burke**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u tnejn u tletin liri Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm832.73) prezz ta' merci lill-konvenut mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez inkluzi sbatax-il lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm17.25) tal-ittri legali tal-20 ta' April 2000, tad-19 ta' Mejju 2000 u tal-5 t'Awissu 2000 u bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota ta' cessjoni tat-28 ta' Marzu 2001 li biha is-socjeta' attrici cediet l-istess meritu tal-kawza pero zammet ferm fuq il-kap tal-ispejjez.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-28 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu tal-kaz tilqa t-talba tas-socjeta attrici in rigward il-kap tal-ispejjes u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici l-ispejjes kollha inkluzi Lm17.50,0 tal-ittri legali tal-20 ta' April 2000, tad-19 ta' Mejju 2000 u tal-5 ta' Awissu 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg